

**Suġġett**

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tal-25 ta' Marzu 2010, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-1020/08, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Luigi Marcuccio għandu jħalli l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnati mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

<sup>(1)</sup> ĠU C 221, 14.08.2010.

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' April 2011 — J vs Il-Parlament**

(Kawża T-160/10)

(2011/C 238/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: J (Marchtrenk, l-Awstrija) (rappreżentant: A. Auer, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-kummissjoni tal-petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, tat-2 ta' Marzu 2010, li permezz tagħha ġiet miċħuda l-petizzjoni tar-rikorrent Nru 1673/2009 tad-19 ta' Novembru 2009;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-kummissjoni tal-petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, tat-2 ta' Marzu 2010, li permezz tagħha l-petizzjoni tiegħu dwar l-allegata konfiska ta' diversi dokumenti u xogħliljet mill-awtoritajiet Awstrijaċi ġiet miċħuda bħala inammissibbli.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ksur tad-dritt għall-ammissembiltà tal-petizzjonijiet. Il-konfiska ta' xogħliljet mill-awtoritajiet Awstrijaċi kkostitwixxiet ksur tad-dritt għal proprietà skont l-Artikolu 6(1) TFUE u l-Artikoli 17(1) u 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2011 — Fraas vs UASI (Disinn iċċangjat bil-kuluri grīz skur, grīz ċar, blu ċar, blu skur, okra u begħi)**

(Kawża T-231/11)

(2011/C 238/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: V. Fraas GmbH (Helmbrechts-Wüstenselbitz, il-Ġermania) (Rappreżentanti: R. Kunze u G. Würtenberger, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet**

Ir-rikorrent titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, tal-4 ta' Marzu 2011 (Każ R 2041/2010-4) dwar l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 008 423 626 (trade mark figurattiva);
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Trade mark Komunitarja kkonċernata; trade mark figurattiva li tirrappreżenta disinn iċċangjat bil-kuluri grīz skur, grīz ċar, blu ċar, blu skur, okra u begħi, għal prodotti fil-klassijiet 18, 24 u 25 — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Nru 8 423 626

Deċiżjoni tal-eżaminatur: reġistrazzjoni rrifjutata parżjalment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, billi t-trade mark Komunitarja kkonċernata għandha karattru distintiv, u ksur tal-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, billi l-Bord tal-Appell ma eżaminax l-allegazzjonijiet estensivi ta' fatt u ta' dritt mqajma mir-riktorri.

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2011 — FairWild Foundation vs UASI — Wild (FAIRWILD)**

(Kawża T-247/11)

(2011/C 238/33)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: FairWild Foundation (Weinfelden, l-Isvizzera) (rappreżentanti: P. Neuwald u S. Müller, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)